

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 331/2011

tas-6 ta' April 2011

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1120/2009 fir-rigward tal-użu tal-art għall-produzzjoni tal-qanneb fil-qafas tal-implementazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku pprovduta bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

tajiet Finola, imkabba fil-Finlandja, u Tiborszállási, mkabba fl-Ungerija, fejn instab li matul is-snini li għaddew dan il-kontenut kien taħt il-livell ta' 0,2 %.

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 39(2) tiegħu,

Billi:

- (5) Abbażi ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra li dawn il-varjetajiet tal-qanneb għandhom isiru eliġibbli, rispettivament, fl-Istati Membri kkonċernati.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 1120/2009 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.
- (7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-fehma tal-Kunitat ta' Ġestjoni għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

- (1) L-Artikolu 39, il-paragrafu 1, tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jistabbilixxi li erjas li jintużaw għall-produzzjoni tal-qanneb ikunu eliġibbli biss għal pagamenti diretti jekk il-varjetajiet użati jkun fihom kontenut ta' tetraidrokannabinol li ma jaqbiżx 0,2 %.
- (2) L-Artikolu 124, il-paragrafu 3, tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jistabbilixxi li l-Artikolu 39 ta' dak ir-Regolament jaapplika għall-erjas fi ħdan l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja.
- (3) L-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1120/2009 tad-29 ta' Ottubru 2009 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implementazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku li hemm provvediment dwarha fit-Titolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa (?) jistabbilixxi li l-pagament tad-drittijiet għall-erjas tal-qanneb se jkun suġġett għall-użu ta' żerriegħha tal-varjetajiet elenkati fil-“Katalgu Komuni ta’ Varjetajiet ta’ Speċijiet ta’ Pjanti Agrikoli”, bl-eċċeżżjoni tal-varjetajiet Finola u Tiborszállási, u jipprovi għaċ-ċertifikazzjoni tagħhom.
- (4) Il-Finlandja u l-Ungerija nnotifikaw lill-Kummissjoni b'deja dwar il-kontenut ta' tetraidrokannabinol tal-varje-

Artikolu 1

L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1120/2009 jinbidel kif ġej:

“Artikolu 10

Il-produzzjoni tal-qanneb

Għall-finijiet tal-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, il-pagament tad-drittijiet għall-erjas tal-qanneb għandu jiġi soġġett għall-użu ta' żerriegħha tal-varjetajiet elen-kati fil-‘Katalgu Komuni ta’ Varjetajiet ta’ Speċijiet ta’ Pjanti Agrikoli’ fil-15 ta’ Marzu tas-sena li għaliha qiegħed jingħata l-pagament u ppubblifikat skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE (*). Madankollu, erjas li jużaw il-varjetà Finola se jkunu eliġibbli biss fil-Finlandja u l-erjas li jużaw il-varjetà Tiborszállási se jkunu eliġibbli biss fl-Ungerija. Iż-żerriegħha għandha tiġi ċċertifikata skont id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE (**).

⁽¹⁾ ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.

⁽²⁾ ĠU L 316, 2.12.2009, p. 1.

^(*) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1.

^(**) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' April 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO